

32004D0731

27.10.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 324/15

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Lulju 2004

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnja u Herzegovina dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata

(2004/731/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 38 tiegħu,

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnja u Herzegovina dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata hu b'dan approvat fisem l-Unjoni Ewropea.

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Presidenza,

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Billi:

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna li jkollha s-setgħa tiffirma l-Ftehim sabiex tintrabat l-Unjoni Ewropea.

- (1) Fil-laqgħa tiegħu tas-27 u 28 ta' Novembru 2003, il-Kunsill iddeċieda li jawtorizza lill-Presidenza, mgħejjuna mis-SĠ/RGħ, biex tibda negozjati skond l-Artikoli 24 u 38 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ma' ċerti stati terzi, biex l-Unjoni Ewropea tikkonkludi ma' kull wieħed minnhom Ftehim dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

- (2) Wara din l-awtorizzazzjoni biex jinbdeu in-negozjati, l-Presidenza, mgħejjuna mis-SĠ/RGħ, innegozjat Ftehim mal-Bożnja u Herzegovina dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.

Magħmula fi Brussell, nhar is-26 ta' Lulju 2004.

*Għall-Kunsill**Il-President*

B. R. BOT

- (3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

22004A1027(01)

L 324/16

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

27.10.2004

FTEHIM**bejn il-Bożnja u Herzegovina u l-Unjoni Ewropea dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata**

IL-BOŻNJA U HERZEGOVINA,

rappreżentata mill-Ministeru tas-Sigurtà tal-Bożnja u Herzegovina,

min-naħa l-waħda, u

L-UNJONI EWROPEA,

minn issa 'l quddiem imsejja l-UE rappreżentata mill-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea,

min-naħa l-oħra,

minn issa 'l quddiem imsejja l-Partijiet,

WARA LI QIESU LI l-Bożnja u Herzegovina u l-UE għandhom l-istess għanijiet li jsaħħu s-sigurtà tagħhom b'kull mod u li jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'livell għoli ta' sigurtà f'żona ta' sigurtà,

WARA LI QIESU LI l-Bożnja u Herzegovina u l-UE ftiehem li konsultazzjonijiet u koperazzjoni għandhom jiġu żviluppati bejniethom dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mas-sigurtà,

WARA LI QIESU LI għalhekk, f'dan il-kuntest, hemm ħtieġa għal-skambju ta' informazzjoni klassifikata bejn il-Bożnja u Herzegovina u l-UE;

WARA LI RRIKONOXXEW LI konsultazzjoni u koperazzjoni sħaħ u effettivi jistgħu jirrikjedu aċċess għal informazzjoni klassifikata u materjal tal-Bożnja u Herzegovina u ta' l-UE, kif ukoll skambju ta' informazzjoni klassifikata u materjal relatat bejn il-Bożnja u Herzegovina u l-UE;

KONXJI LI tali aċċess għal, u skambju ta' informazzjoni klassifikata u materjal relatat jeħtieġ miżuri xierqa ta' sigurtà,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

li jiġu protetti kontra l-iżvelar mhux awtorizzat u li jkunu ġew hekk kwalifikati minn klassifikazzjoni ta' sigurtà (minn issa 'l quddiem: "informazzjoni klassifikata").

Sabiex jitwettqu l-għanijiet għat-tisħiħ tas-sigurtà ta' kull waħda mill-Partijiet b'kull mod, dan il-Ftehim għandu japplika għal informazzjoni klassifikata jew materjal fi kwalunkwe forma provduti jew skambjati bejn il-Partijiet.

*Artikolu 3**Artikolu 2*

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, informazzjoni klassifikata għandha tfisser kull informazzjoni (jiġifieri, taġrif li jista' jiġi komunikat fi kwalunkwe forma) jew materjal stabbiliti li jeħtieġu

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "UE" għandha tfisser il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (minn issa 'l quddiem: "Kunsill"), is-Segretarju Ġenerali/Rappreżentant Għoli u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (minn issa 'l quddiem "Kummissjoni Ewropea").

Artikolu 4

Kull Parti għandha:

- (a) tipproteġi u tissalvagwardja informazzjoni klassifikata suġġetta għall-dan il-Ftehim provduta jew skambjata mill-Parti l-oħra;
- (b) tiżgura li informazzjoni klassifikata suġġetta għall-dan il-Ftehim provduta jew skambjata iżżomm il-klassifikazzjoni ta' sigurtà mogħtija lilha mill-Parti li tipprovdiha. Il-Parti li tirċievi għandha tipproteġi u tissalvagwardja l-informazzjoni klassifikata skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti ta' sigurtà tagħha għal informazzjoni jew materjal ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà ekwivalenti, kif speċifikat fl-Arranġamenti għas-Sigurtà li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikoli 11 u 12;
- (c) ma tużax tali informazzjoni klassifikata suġġetta għall-dan il-Ftehim għal finijiet li ma humiex dawk stabbiliti minn min joriġinaha u dawk li għalihom tingħata jew tiġi skambjata l-informazzjoni;
- (d) ma tiżvelax tali informazzjoni klassifikata suġġetta għall-dan il-Ftehim lil partijiet terzi, jew lil kwalunkwe istituzzjoni jew entità ta' l-UE mhux imsemmija fl-Artikolu 3, mingħajr il-kunsens minn qabel ta' minn min joriġinaha.

Artikolu 5

1. Informazzjoni klassifikata tista' tkun żvelata jew tkun rilaxxata, skond il-prinċipju tal-kontroll ta' min joriġinaha, minn Parti waħda, "il-Parti li tipprovdi", lill-Parti l-oħra, "il-Parti li tirċievi".

2. Għal rilaxx lil riċevitori oħra li ma humiex il-Partijiet ta' dan il-Ftehim, deċiżjoni dwar l-iżvelar jew rilaxx ta' informazzjoni klassifikata għandha ssir mill-Parti li tirċievi wara l-kunsens tal-Parti li tipprovdi, skond il-prinċipju tal-kontroll ta' min joriġinaha kif imfisser fir-regolamenti ta' sigurtà tagħha.

3. Fl-implimentazzjoni tal-paragrafi 1 u 2, l-ebda rilaxx ġeneriku ma għandu jkun possibbli jekk proċeduri ma jkunux ġew stabbiliti u miftehma bejn il-Partijiet dwar ċerti kategoriji ta' informazzjoni, li jkunu relevanti għall-ħtiġiet operazzjonali tagħhom.

Artikolu 6

Kull waħda mill-Partijiet, u entitajiet tagħha kif imfisser fl-Artikolu 3, għandu jkollha organizzazzjoni ta' sigurtà u programmi ta' sigurtà, bbażati fuq tali prinċipji bażiċi u livelli minimi ta' sigurtà li għandhom jiġu mplimentati fis-sistemi ta' sigurtà tal-Partijiet li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikoli 11 u 12, biex jiżguraw li livell ekwivalenti ta' protezzjoni jiġi applikat għal informazzjoni klassifikata suġġetta għal dan il-Ftehim.

Artikolu 7

1. Il-Partijiet għandhom jiżguraw li l-persuni kollha li, fit-tweqqif tad-dmirijiet uffiċjali tagħhom jeħtieġu aċċess, jew li d-dmirijiet jew funzjonijiet tagħhom jistgħu jagħtuhom aċċess, għal informazzjoni klassifikata provduta jew skambjata taħt dan il-Ftehim ikunu nġhataw l-approvazzjoni tas-sigurtà kif xieraq qabel ma jingħataw aċċess għal tali informazzjoni.

2. Il-proċeduri għall-approvazzjoni tas-sigurtà għandhom jiġu maħsuba biex jiddeterminaw jekk individwu jistgħax ikollu aċċess għal informazzjoni klassifikata, meta jittieħed kont tal-lealtà tiegħu/tagħha, ta' kemm wieħed jista' jafdah/a u joqgħod fuqu/ħa.

Artikolu 8

Il-Partijiet għandhom jipprovdu għajnuna reċiproka fir-rigward ta' sigurtà ta' informazzjoni klassifikata suġġetta għal dan il-Ftehim u materji ta' interess komuni ta' sigurtà. Spezzjonijiet u konsultazzjonijiet reċiproċi ta' sigurtà għandhom isiru mill-awtoritajiet kif imfisser fl-Artikolu 11 biex jagħmlu stima ta' l-effikaċja ta' l-Arranġamenti għas-Sigurtà fil-qasam tar-responsabbiltà rispettiva tagħhom li għandha tiġi stabbilita skond l-Artikoli 11 u 12.

Artikolu 9

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim

(a) Fir-rigward ta' l-UE:

kull korrispondenza għandha tintbagħat lill-Kunsill fl-indirizz li ġej:

Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea
Uffiċjal Kap tar-Reġistru
Rue de la Loi/Wetstraat, 175
B-1048 Brussel.

Kull korrispondenza għandha mbagħad tintbagħat mill-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Kunsill lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea bla ħsara għall-paragrafu 2.

(b) Fir-rigward tal-Bożnja u Herzegovina,

kull korrispondenza għandha tiġi ndirizzata lill-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tal-Bożnja u Herzegovina vija l-Missjoni tal-Bożnja u Herzegovina għall-Unjoni Ewropea, fl-indirizz li ġej:

Missjoni tal-Bożnja u Herzegovina għall-Unjoni Ewropea
Uffiċjal tar-Reġistru
Rue Tenbosch 34
B-1000 Brussel.

2. B'mod eċċezzjonali, korrispondenza minn Parti waħda li hi aċċessibbli biss għal uffiċjali kompetenti, organi jew servizzi speċifiċi ta' dik il-Parti tista', għal raġunijiet operazzjonali, tiġi ndirizzata u tkun aċċessibbli biss għal uffiċjali kompetenti, organi jew servizzi speċifiċi tal-Parti l-oħra nnominati speċifikament bħala riċevituri, filwaqt li jittieħed kont tal-kompetenzi tagħhom u skond il-prinċipju li jistabbilixxu jekk hemmx hteġa li jkunu jafu. Sa fejn għandha x'taqsam l-Unjoni Ewropea, din il-korrispondenza għandha tiġi mgħoddija permezz ta' l-Uffiċjal Kap tar-Reġistru tal-Kunsill.

Artikolu 10

Is-Segretarju ta' l-Affarijiet Barranin tal-Bożnja u Herzegovina u s-Segretarji-Ġenerali tal-Kunsill u tal-Kummissjoni Ewropea għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 11

Biex jiġi mplimentat dan il-Ftehim:

1. Il-Ministeru tas-Sigurtà, bħala awtorità tas-sigurtà nazzjonali, taħt id-direzzjoni u filwaqt li jaġixxi fisem il-gvern tal-Bożnja u Herzegovina u taħt l-awtorità tiegħu, għandu jkun responsabbli biex jiżviluppa Arranġamenti ta' sigurtà għall-protezzjoni u s-salvagwardja ta' informazzjoni klassifikata provduta lill-Bożnja u Herzegovina taħt dan il-Ftehim.
2. L-Uffiċċju tas-Sigurtà tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (minn issa 'l quddiem: "Uffiċċju tas-Sigurtà tas-SĠK"), taħt id-direzzjoni u fisem is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, li jaġixxi fisem il-Kunsill u taħt l-awtorità tiegħu għandu jkun responsabbli biex jiżviluppa arranġamenti ta' sigurtà għall-protezzjoni u s-salvagwardja ta' informazzjoni klassifikata provduta lill-UE taħt dan il-Ftehim.

3. Id-Direttorat għas-Sigurtà tal-Kummissjoni Ewropea, li jaġixxi fisem il-Kummissjoni Ewropea u taħt l-awtorità tagħha, għandu jkun responsabbli biex jiżviluppa l-arranġamenti ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata provduta jew skambjata taħt dan il-Ftehim fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea u l-bini tagħha.

Artikolu 12

L-arranġamenti ta' sigurtà li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikolu 11 bi ftehim bejn it-tliet Uffiċċji interessati għandhom jistabbilixxu standards ta' protezzjoni ta' sigurtà reċiproka għal informazzjoni klassifikata suġġetta għal dan il-Ftehim. Għall-UE, dawn l-istandards għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni tal-Kumitat tas-Sigurtà tal-Kunsill.

Artikolu 13

L-Awtoritajiet definiti fl-Artikolu 11 għandhom jistabbilixxu proċeduri li għandhom jiġu segwiti f'każ li jkun ippruvat jew issuspettat li l-informazzjoni klassifikata suġġetta għal dan il-Ftehim tkun ġiet kompromessa.

Artikolu 14

Qabel tingħata informazzjoni klassifikata suġġetta għal dan il-Ftehim bejn il-Partijiet, l-awtoritajiet responsabbli għas-sigurtà kif imfissra fl-Artikolu 11 għandhom jiftiehem li l-Parti li tirċievi tkun kapaċi ttiproteġi u tissalvagwardja l-informazzjoni suġġetta għal dan il-Ftehim b'mod konsistenti ma' l-arranġamenti li għandhom jiġu stabbiliti skond l-Artikoli 11 u 12.

Artikolu 15

Dan il-Ftehim ma għandu bl-ebda mod iżomm lill-Partijiet milli jikkonkludu xi Ftehim ieħor li għandu x'jaqşam mal-forniment jew skambju ta' informazzjoni klassifikata suġġetta għal dan il-Ftehim sakemm dan ma jkunx f'konflitt mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 16

Id-differenzi kollha bejn l-UE u l-Bożnja u Herzegovina li jinjalghu mill-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu ttrattati permezz ta' negozjati bejn il-Partijiet.

Artikolu 17

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum ta' l-ewwel xahar wara li l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin dwar it-tweġieq tal-proċeduri interni meħtieġa għal dan il-għan.

2. Dan il-Ftehim jista' jiġi rivedut biex jiġu kkunsidrati emendi possibbli fuq talba ta' waħda jew l-oħra mill-Partijiet.

Artikolu 18

3. Kwalunkwe emenda għal dan il-Ftehim għandha ssir biss bil-miktub u bi ftehim komuni bejn il-Partijiet. Għandha tidħol fis-seħħ meta ssir notifika reċiproka kif previst fil-paragrafu 1.

Dan il-Ftehim jista' jiġi ddenunzjat minn Parti waħda b'notifika ta' denunzja bil-miktub mogħtija lill-Parti l-oħra. Tali denunzja għandha tibda sseħħ sitt xhur wara li l-Parti l-oħra tkun irċiviet in-notifika, iżda ma għandhiex taffettwa obbligi diġà kkuntrattati taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. B'mod partikolari, kull informazzjoni klassifikata provduta jew skambjata skond dan il-Ftehim għandha tibqa' tiġi protetta skond id-dispożizzjonijiet hawn stabbiliti.

B'XIEHDA TA' DAN, is-sotto-skritti, awtorizzati rispettivament kif xieraq, iffirraw dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussell u Sarajevo, il-5 ta' Ottubru 2004 f'żewġ kopji t-tnejn bl-Ingliż.

Għall-Bożnja u Herzegovina

Għall-Unjoni Ewropea

